# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI Nru 3017

**Kaz Nru. 4212 /HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Robert Pace (ID 0147076 M)**

**vs**

**Air Malta plc (C 2685)**
**(Dwar tkeccija mill-Impjieg allegata li hi ngusta).**

**Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).**

**Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni tar-rikorrenti Robert Pace li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fl'4 ta' Settembru, 2023. Meta ssejjah il-Kaz ir-rikorrenti kien assistit mill-Avv. Lorna Mifsud Cachia u ghas-socjeta ntimata dehru l-Avv. Stephanie Bonnici u l-Avv. Andre Borg.**

**Fir-rikors tieghu r-rikorrenti jghid, li kien impjegat mas-socjeta ntimata fil-grad ta' Cabin Crew-Steward u wara li kien sar rapport minn kollega**

**tieghu kien gie sospiz mix-xoghol. Huwa jghid ukoll li fid-29 ta' Marzu, 2019 kien ircieva Letter of Charge fejn gie akkuzat bi tlett akkuzi u wara gie mghoddi Board ta' Dixxiplina u nstab hati, huwa appella quddiem il-Boad ta' l-Appelli tas-socjeta ntimata u ma nstabx hati ta' l-akkuzi kollha.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li wara l-ezitu tal-Appell huwa fetah kawza kontra s-socjeta ntimata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Rik. Gur. Nru 122/20).**

**Huwa jghid ukoll, li kien ircieva ittra ta' terminazzjoni mill-impjieg fit-13 ta' Mejju, 2023 minghand is-socjeta ntimata liema ittra ntbghatet minhabba rizenja.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li hu qatt ma kkomunika mas-Socjeta ntimata u ta' rieda ta' rizenja u xejn anqas ittra f'dan ir-rigward lis-socjeta ntimata – ir-rikorrenti qatt ma ried jirrezenja. Huwa jghid ukoll, illi t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu kienet wahda ngusta u noltre sofra danni stante l-istess terminazzjoni u ghaldaqstant qed jitlob lit-Tribunal Industrijali li :-**

1. **Jiddikjara u jiddeciedi illi t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu hija tkeccija ngusta;**
2. **Jillikwida d-danni sofferti minnhu u t-Tribunal Industrijali jordna l-hlas ta' kumpens xieraq; u**

**3. It-Tribunal Industrijali jordna konsegwentament dawk il-mizuri kollha opportuni nkluz ir-reintegrazzjoni tal-impjieg tieghu u jigi reinstated in status quo anke fl-impjieg tieghu bid-drittijiet kollha li kellu qabel it-terminazzjoni u bl'istess paga u beneficcju kuntrattwali, bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.**

**Ghas-socjeta ntimata da parti taghha qalet :-**

1. **Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom ghar-ragunijiet segwenti u abbazi tal-fatti kif se jigu esposti waqt is-smigh tal-kawza;**
2. **Illi preliminarjament, is-socjeta tirrileva illi l-kawza odjerna hija improponibbli in kwantu ghall-kundizzjonijiet ai termini tal-Art. 30 u 75 tal-Kap 452 kif legalment mehtiega ghall-intavolar ta' kwestjonijiet quddiem dan it-Tribunal m'humiex sodisfatti.**
3. **Illi d-dikjarazzjoni tar-rikorrent f'punt disgha hija skorretta stante li n-natura tat-terminazzjoni ma tista qatt tissussisti ma tkeccija ingusta u tali allegazzjoni giet inserita biss sabiex tali kawza tigi ravizzibbli quddiem dan it-Tribunal. Illi ghalhekk s-socjeta hija tal-umli fehma li l-kundizzjonijiet tal-Kap 452 versu dak li jirrizulta b'mod car mill-fattispeci tal-kaz odjern m'humiex ravvizabbli fil-procedura odjerna.**
4. **Illi in ogni coso, u wkoll in linea preliminari, il-jedd pretiz mir-rikorrent ma jista qatt jigi dedott in gudizzju quddiem dan it-**

**Tribunal proprju ghaliex ex asmissis jezistu rimedju iehor ordinarju ad hoc li allura jeskludu r-rimedju maghzul.**

5. **Illi jekk ir-rikorrent ma qabilx ma tali raguni ta' terminazzjoni ta' impieg huwa kellu l-forum adegwat sabiex jikkontesta tali terminazzjoni, b'dan illi t-tribunal ma ghandux jisma appelli dwar ir-raguni dwar it-tmiem tal-impjieg.**
6. **Illi tali kontestazzjoni kellha ssir fi zmien ghaxart (10) ijiem mid-data tal-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg u dan kif indikat fl'istess ittra tal-jobsplus, kif prezentata mill-istess rikorrent liema appell ma jirrizultax li sar u ghaldaqstant ir-rikorrenti qieghed jittanta li juza r-rimedju tat-Tribunal Industrijali.**
7. **Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-surreferit, l-azzjoni da parti tar-rikorrent ghandha tigi respinta billi s-socjeta intimata informat lill Jobsplus bl-abbandun tax-xoghol tar-rikorrent u dan kif jista jigi kkonfermat minn Dok A prezentat mar-rikors tar-rikorrent. Ghaldaqstant, it-terminazzjoni tal-impjieg hija ai finijiet ta' kjarezza "Rizenja: abbanduna l-post tax-xoghol" u mhux "rizenja" biss kif b'mod selettiv indika r-rikorrent.**
8. **Illi l-esponenti infurmat lir-rikorrenti diversi drabi illi fin-nuqqas li jinforma lis-socjeta intimata dwar l-intenzjonijiet tieghu, huwa kien se jigi ddikjarat li abbanduna l-impjieg tieghu. Illi ghal dawn id-diversi rikjesti huwa baqa inadempjenti.**
9. **Ghar-ragunijiet kif hawn spjegati ghal dawk kollha li se jirrizultaw matul it-trattazzjoni ta' din il-kwestjoni:**

**a. Certament is-socjeta intimata ma keccietx lir-rikorrent, imma kien hu li ghazel li ma jirraportax iktar ghax-xoghol ghal diversi snin, senjatament jabbanduna xoghlu;**

**b. B'dan illi s-socjeta esponenti ma ghandha ebda responsabbilita li thallas l-ammonti citati kif rikjest mir-rikorrent.**

**Ghaldaqstant l-esponenti umilment tissottometti illi t-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kif adotti mir-rikorrenti in toto bl-ispejjez kontra tieghu.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed ir-rikorrenti Robert Pace u jghid, li fit-28 ta' Marzu 2019 kien gie sospendut u wara gie pprocessat mill-Board ta' Dixxiplina u kien instab hati. Huwa jghid ukoll, li kien appella lil Board ta' l-Appelli u hawn ma sabuhx hati ta' sexual harassment pero instab hati ta' akkuzi ohra.**

**Huwa jkompli jghid li wara f'Novembru, 2019 il-management rieduh jidhol jahdem bhala Clerk f'ufficcju u kien irrifjuta ghax ma kellu x'jaqsam xejn max-xoghol ta' Cabin Crew. Huwa jghid ukoll, li kien hass li din id-decizjoni tal-management ma kienitx gusta peress li ma kienx hati u kien ghalhekk li fetah kawza ohra fil-Prim Awla tal-Qorti.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid, li peress ma kienx qed jaccetta ix-xoghol ta' Clerk kien talab li jinghata leave sakemm ix-xoghol ta' Cabin Crew jerga jigi available u mit-2020 ma ircieva l-ebda pagament. Huwa jghid ukoll, li qatt ma kien gie avvicinat mill-mamagement biex jidhol ghax-**

**xoghol fil-grad li kellu minkejja li xoghol ta' Cabin Crew kien hemm ghax il-kumpanija ghamlet avvizi ta' vakanza ghal dan ix-xoghol.**

**Huwa jkompli jghid, li ma kellu l-ebda kommunikazzjoni mal-management imma kien hemm ma l-avukati u mit-2019 ma baqax jara l-emails ta' l-Air Malta ghax ma hassux parti mill-kumpanija.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed James Genovese li jokkupa l-grad ta' Chief Human Resources Officer mas-socjeta ntimata. Fix-xhieda tieghu jghid, li peress ir-rikorrenti ma kienx gie skulpat minn kull akkuza mill-Board ta' l-Appelli u abbazi tal-inappropriate behaviour li kellu fuq titjira partikolari, saret diskussjoni mal-Board tad-Diretturi u gie deciz li minflok ir-rikorrent jitkecca mill-impjieg u dan kien ikun skond il-Ftehim Kollettiv klawsola 48.8, il-kumpanija hasset, li ghal perjodu ta' zmien ikun ahjar li r-rikorrent ma jibqax imur jopera bhala Cabin Crew fuq il-flights.**

**Huwa jkompli jghid, li r-rikorrenti gie assenjat temporanjament fid-Dipartiment tal-Flight Operations li hija parti mill-istess Dipartiment tal-Cabin Crew u kien se jinghata xoghol klerikali u presso poco kien se jkollu l-istess dhul finanzjarju li kellu meta kien jahdem ta' Cabin Crew. Ix-xhud jghid ukoll, li r-rikorrenti ma riedtx jahdem fix-xoghol li gie assenjat ghalih u l-ewwel talab ghal leave u wara applika ghal unpaid leave li kien ghal perjodu ta' sena u meta skada z-zmien ma regax applika biex jinghata estensjoni ta' unpaid leave.**

**Huwa jghid ukoll, li sadanittant kienu qed isiru negozjati mal-Unjoni Ewropeja u kellu jsir restructuring ghalhekk, minhabba dan il-process ic-Chairman hareg direttiva li kull minhu on unpaid leave meta jiskadilu l-unpaid leave jigi lura ghax-xoghol jew jitlaq u jirrezenja. Ghaldaqstant huwa jghid, li kienu nfurmaw lir-rikorrent permezz ta' email u permezz ta' ittra.**

**Huwa jkompli jghid, li kienu nfurmaw lir-rikorrenti li l-unpaid leave tieghu kien skada u ma kienx irraporta lura ghax-xoghol u ghalhekk jekk ma kienx se jirritorna fi zmien xahrejn u specifikament gie nfurmat li kien se jibda jahdem ta' Steward kif kien jahdem qabel ma kellu l-kaz ta' dixxiplina ma kienx hemm option ohra ghajr li jigi terminat l-impjieg tieghu.**

**Huwa jghid ukoll, li r-rikorrenti ma ta' l-ebda risposta u ma kienx irrisponda l-ittra u lanqas l-email u l-account ta' l-email tieghu kien ghadu active sa llum u dan gie kkonfermat mil-IT tas-socjeta ntimata liema email jaqra Robert.pace@airmalta.com.**

**Huwa jghid ukoll, li peress ir-rikorrenti ma irritornax ghax-xoghol kif kien avzat li jghamel gie meqjus li kien irrezenja/abbanduna l-impjieg.**

**Matul il-provi t-Tribunal Industrijali ezamani diversi dokumenti u l-korrispondenza li s-socjeta ntimata bghatet lir-rikorrenti data 25 ta'**

**Novembru, 2021 fejn tghid "Refernce is made to the request you made for unpaid leave for the period commencing on the 30th April 2020 and expiring on the 29th April 2021, which the Company had acceded to following expiration of your unpaid leave period, and for reasons unknown to the Company, you have not reported back to work and made no effort to notify the Company about your return or, at the very least inform the Company that you did not intend to return to your former post.**

**In view of the above, you are hereby being formally solicited to either report back for work in your previous role of Steward by no later than 24th February, 2022 , or inform the Company that you have no intention of returning to your previous role. Should you opt for the latter, the Company will proceed to terminate your employment formally, citing "resignation" on your termination form to be filed with jobsplus. In this case there shall be no need to provide notice, which will be deemed to have lapsed and no amounts will be due from you to the Company or vice-versa.**

**Should you fail to report back to your role or inform the Company that you have no intention of returning by the date indicated in the preceding paragraph, the Company shall be left with no other option but to consider you as having abandoned your employment and hence register the termination of your employment citing "abandoned place of work" on your termination form to be filed with Jobsplus. In this case, you will be found to be in breach of your contract of employment as a result of**

**not having provided the required notice, and the Company reserves its right to recover any amounts that may be due.**

**This communication is being sent both by email and registered post"**

**Mid-dokumenti jirrizulta wkoll, lis-socjeta ntimata regghet kkomunikat mar-rikorrenti fis-6 ta' Dicembru, 2021 u fl'1 ta' Frar, 2022 biex ir-rikorrenti jghidilha bl'intenzjonijiet tieghu pero huwa ma wegibx u konsegwentament l-impjieg tieghu gie terminat b'effett mit-28 ta' Frar, 2022 ghal raguni Rizenja: Abbanduna l-Post tax-xoghol.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa, li l-kaz inkwestjoni ma jittrattax jekk wara li r-rikorrenti ghadda process ta' dixxiplina u nstab hati ta' certi akkuzi, il-management kellux id-dritt li minflok li jittermina l-impjieg tar-rikorrenti jittrasferih f'impjieg iehor.**

**It-Tribunal Industrijali ma ttrattax dan l-aspett ghar-raguni, li t-Tribunal Industrijali gie nfurmat mill-partijiet li rigward dan l-aspett kienu qed isiru proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili.**

**Invista ta' dan it-Tribunal Industrijali jinnota, li l-kompitenza tieghu hija li jiddeciedi jekk is-socjeta ntimata kellix id-dritt li tittermina l-impjieg tar-rikorrenti abbazi ta' Rizenja:Abbanduna l-post tax-xoghol wara li huwa naqas li jirraporta ghax-xoghol.**

**Mill-provi li ezamina t-Tribunal Industrijali jirrizultalu, wara li r-rikorrenti kien ezawrixxa l-intitolament tal-leave tieghu huwa applika ghal sena unpaid leave b'sehh mit-30 ta' April, 2020 sa 29 ta' April, 2021 u wara dan il-perjodu ta' sena unpaid leave huwa ma regax applika biex jinghata perjodu iehor ta' estenzjoni ghall-unpaid leave u r-rikorrenti baqa ma jirraportax ghax-xoghol.**

**Invista ta' dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema li wara id-data tad-29 ta' April, 2021 meta skada l-unpaid leave, ir-rikorrenti kien obbligat li jirritorna ghax-xoghol u jekk ma xtaqx li jirritorna ghax-xoghol u jibqa fl'impjieg huwa kien obbligat li jerga japplika ghall-perjodu iehor ta' unpaid leave. Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jqies li wara 29 ta' April, 2021 r-rikorrenti kien assenti mix-xoghol minghajr awtorizazzjoni.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li s-socjeta ntimata kkomunikat mar-rikorrenti kemm permezz ta' ittra kif ukoll email datata 25 ta' Novembru, 2021 biex ir-rikorrenti jghid x'kienu l-intenzjonijiet dwar ir-ritorn tieghu ghax-xoghol.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li kemm fl'email kif ukoll fl'ittra s-socjeta ntimata nfurmat lir-rikorrenti, li jekk jirritorna ghax-xoghol huwa kien se jerga jinghata l-istess xoghol li kellu ta' Steward u s-socjeta ntimata nfurmat ukoll lir-rikorrenti li jekk ma jwegibx x'kienu l-**

**intenzjonijiet tieghu kien se jitqies li hu kien irrezenja/abbanduna l-post tax-xoghol.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, dak li jghid ir-rikorrenti li huwa ma wegiebx ghax ma kienx qed jiftah emails ta' l-Air Malta peress li ghax ma kienx qed jattendi ghax-xoghol huwa ma kienx qed ihossu parti mill-Kumpanija.**

**Dwar dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li fl'ewwel aspett ir-rikorrenti kien ghadu mpjegat tas-socjeta ntimata u l'email tar-rikorrenti kien ghadu attiv u kien qed jircievi l-emails tas-socjeta ntimata, ghaldaqstant jekk ir-rikorrenti ddecieda li ma jiftahx l-emails ta' l-Air Malta biex isegwi l-kontenut taghhom u jirrispondi din kienet decizjoni u responsabilta tieghu u nvista ta' dan ir-raguni li ta' ir-rikorrenti li peress ma kienx qed jattendi ghax-xoghol ma hasx li kellu jiftah l-emails ta' l-Air Malta ghat-Tribunal Industrijali din ma hix raguni valida.**

**Wara li t-Tribunal Industrajli kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzjoni, li peress r-rikorrenti naqas li jinforma lis-socjeta ntimita jekk kienx se jirritorna ghax-xoghol u kien avzat li jekk ma jinfurmax lis-socjeta ntimata bl'intezjoni tieghu li jirritorna ghax-xoghol kien se jigi meqjus li r-rizenja/abbanduna l-post tax-xoghox, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li**

**r-relazzjoni tax-xoghol bejn ir-rikorrenti u s-socjeta ntimata ntemmet ghal raguni li r-rikorrenti r-rizenja:Abbanduna l-Post tax-xoghol.**

**Minhabba nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erba u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**(iffirmat)**

**Harold Walls**
**Chairman**

**Data 17.09.2024**